- korrezzjoni skont Artiklu 825(2) tal-Kap 12

MALTA

QORTI CIVILI

PRIM'AWLA

ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA

DIGRIET KAMERALI

Mogħti llum, 3 ta' Frar 2020

Fl-atti taċ-ċitazzjoni numru 906/2005 GM fl-ismijiet:

**Elizabeth Said**

**-vs-**

**Bank of Valletta plc, Valletta Fund Management Limited, illum BOV Asset Management Limited, ic-Chairman tal-Borża ta' Malta, u HSBC Bank Malta plc u b'digriet tad-29 ta' Jannar 2015, ġew imsejjħa fil-kawza Michael Said u Margaret Galea u Claudio Said assuma l-atti**

**bħala kuratur tal-wirt battal ta' Raymond Said permezz tar-Risposta Ġuramentata tiegħu tas-16 ta' Marzu 2015**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza tagħha tal-15 t'Ottubru 2019 fin-numru u fl-ismijiet premessi;

Rat ir-rikors tal-avukat Claudio Zammit bħala kuratur tal-wirt battal ta' Raymond Said tal-31 t'Ottubru 2019;

Rat ir-risposta tal-Bank of Valletta plc tal-24 ta' Jannar 2020;

U billi jirriżulta li hemm żbalji fil-kliem użat fis-sentenza, kif ukoll hemm espressjonijiet li mhumiex ċari, jew li jistgħu jiftiehmu xort'oħra minn dak li kif jidher ċar riedet tfisser il-qorti;

Għaldaqstant, wara li rat l-Artiklu 825(2) tal-Kap 12, tilqa' t-talba u tordna li fis-sentenza ssir il-korrezzjonijiet relattivi fis-sens li:

(1) fl-okkjo jitneħħa l-kliem "Claudio Said" u minflok jiddaħħal il-kliem "l-Avukat Claudio Zammit".

(2) id-*decide* jiġi jaqra hekk:

"Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

"(1) tiċħad ir-raba' eċċezzjoni tal-kuratur tal-wirt battal ta' Raymond Said

"(2) tilqa' l-eċċezzjonijiet l-oħrajn tal-konvenuti u tal-imsejjaħ fil-kawża

"(3) tiċħad it-talbiet tal-attriċi.

“Spejjeż  a kariku tal-attriċi ħlief għar-raba’ eċċezzjoni tal-wirt battal ta’ Raymond Said; li għandu jbatiha l-istess wirt battal pero` jibqgħu dejjem proviżorjament pagabbli ukoll mill-attriċi”.

Tordna ghalhekk li s-sentenza tigi korretta kif jinghad hawn fuq u permezz tal-preżenti li għandu jifforma parti ntegrali tas-sentenza fuq riferita.

ONOR IMĦALLEF
GRAZIO MERĊIEĊA